**QORTI CIVILI - PRIM AWLA**

# S.T.O. Prim Imhallef
# Mark Chetcuti

**Illum il-Hamis, 13 ta' Awwissu, 2020**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 851/2020**
**fl-ismijiet**

**Link Projects Limited**
**vs**
**b'digriet tas-27 ta' Lulju 2020**
**Dr Victor Bugeja u P.L. Marie Claire Bartolo**
**kuraturi deputati mahtura sabiex jirraprezentaw lill-assenti Hadrien Majoie u Marina Majoie, mart l-istess Hadrien Majoie u**
**b'digriet tat-30 ta' Lulju 2020**
**Dr Chiara Frendo qed tassumi l-atti f'isem Hadrien Majoie u**
**gew estromessi l-kuraturi deputati**
**Dr Victor Bugeja u P.L. Marie Claire Bartolo**
**li kienu qed jirrapprezentawh**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni maghmul minn Link Projects Limited kontra l-intimati ghal kreditu ta' €44,000 allegatament dovuti mill-intimati ghal bejgh u konsenja tal-oggetti elenkati fl-istess talba ghal hrug tal-mandat.

Rat ir-risposta ta' Hadrien Majoie li issottometta illi bejnu u martu tezisti s-separazzjoni tal-beni sa minn qabel iz-zwieg u illi n-negozju pretiz mir-rikorrenti sar ma' martu u hu ma kellu ebda parti fih. Fi kwalunkwe kaz il-hrug tal-mandat hu eccessiv komparat mat-talba meta tqis ukoll li s-socjeta rikorrenti issekwestrat oltre €16,000 mill-kont tal-intimat.

Rat ir-risposta tal-kuratur Dr Victor Bugeja nominat mill-Qorti biex jirraprezenta lil assenti Marina Majoie li iddikjara li mhux edotti mill-fatti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti hi sodisfatta illi s-socjeta rikorrenti ghandha prima facie dritt li ghandu jigi protett u kawtelat liema dritt jikkonsisti fi kreditu pretiz ta' oltre €44,000 li minnhom €16,000 gew sekwestrati mill-kont tal-intimat. Ma jidhirx li oltre l-proprjeta li dwarha intalbet l-inibizzjoni hemm xi haga ohra li taghmel tajjeb ghal kreditu pretiz.

Jidher pero illi Hadrien Majoie mhux prima facie legittimu kontradittur ghal pretensjoni tas-socjeta rikorrenti billi mill-atti jirrizulta li bejnu u l-intimata hemm is-separazzjoni tal-beni u l-ftehim jidher li sar ma' Marina Majorie ghalkemm a beneficcju tal-proprjeta appartenenti indivizament bejn l-intimati. Fic-cirkostanzi l-l-Qorti tqis illi l-mandat ma ghandu jkollu ebda effett fuq l-intimat (ara art. 1339 Kap. 16) izda biss kontra Marina Majoie. Il-pregudizzju jekk ma jinharigx il-mandat jista' fic-cirkostanzi ikun wiehed li ghalih is-socjeta rikorrenti ma jkollha ebda rimedju effettiv. Madankollu l-Qorti tqis illi z-zamma tal-intimatai milli jikru l-imsemmi fond ghal mhux aktar minn sena kull darba pendenti l-ezitu tal-vertenza bejn il-partijiet ma tkunx flokha billi l-proprjeta altru milli taghmel tajjeb ghal pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti u l-introjtu mill-kirja jista' jghin biex l-intimata tressaq garanzija adegwata ghal pretensjonijiet tar-rikorrenti u t-tnehhija eventwali tal-mandat ta' inibizzjoni.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis li Hadrien Majoie ma ghandux jigi kolpit bil-mandat in kwistjoni, mentri tilqghu fil-konfront ta' Marina Majoie b'dan illi l-intimata mhix projbita milli tikri l-imsemmi fond u garage ghal perjodu ta' mhux aktar minn sena kull darba pendenti l-ezitu tal-vertenza bejn il-partijiet. Spejjez tas-socjeta rikorrenti thallashom l-intimata Marina Majoie, mentri l-ispejjez tal-intimat Hadrien Majoie thallsahom is-socjeta rikorrenti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur